TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 38/79

Fil-kwistjoni tax-xogħol
bejn
Is-Sur Raymond Tabone
u
Is-Sur Francis Busuttil

Data: 27 ta' Frar, 1979.

Chairman: C.J. Mallia.

Is-Sur Francis Busuttil għandu l-appalt tal-canteen ta' Xandir Malta fi Gwardamanga, fejn hemm impjegati mijiet ta' nies. Fl-24 ta' Frar, 1978, huwa mpjega miegħu lis-Sur Raymond Tabone, bħala Assistent Kok, għal zmien indefinit. Ma sar xejn bil-miktub, u ma gie miftiehem xejn dwar prova (probation). Allura hawn kienet tapplika l-prova msemmija fl-artikolu 25 tal-Att Nru XI ta' l-1952, igifieri prova ta' tlett xhur. Is-Sur Busuttil temm l-impieg tas-Sur Tabone fil-25 ta' Gunju, 1978. Is-Sur Tabone kiteb lill-Ministru tax-Xogħol, Kultura u Għajnuna Socjali, u din fis-27 ta' Jannar, 1979, irriferiet il-kaz lil dan it-Tribunal taħt id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976.

2. Smigħ u xhieda. Il-kaz ma kienx komplikat, u għalhekk instema f'seduta waħda. Is-Sur Tabone kien assistit mis-Sur Maurice Agius, filwaqt li s-Sur Busuttil mexxa l-kaz tiegħu huwa stess. Is-Sur Tabone offra x-xhieda tiegħu stess taħt gurament, u instemgħet ukoll ix-xhieda tas-Sinjorina Censina Micallef.

3. Il-bidu tal-kaz. Is-Sur Tabone inqalgħulu ragunijiet li jmur jara specjalista mediku fl-Inglilterra. Bi prova ta' dawn ir-ragunijiet, huwa pproduca lit-Tribunal foto-kopja ta' ittra li hu kien ircieva, bid-data 23 ta'

/.......

Mejju, 1978, minn għand Dr. V.S. Zammit, M.D., li qabel kien it-tabib kuranti tiegħu u issa kien qiegħed l-Ingilterra. Fuq dan il-bzonn, is-Sur Tabone talab tlett gimgħat leave lis-Sur Busuttil, u ezattament mill-4 sal-25 ta' Gunju, 1978. Dan il-leave talbu bil-miktuħ fil-15 ta' Mejju, 1978, u dan gie approvat u ffirmat mis-Sur Busuttil. Giet esibita foto-kopja tat-talba miktuba għal-leave, approvata u ffirmata mis-Sur Busuttil. Intqal quddiem it-Tribunal, u ma giex kontestat, li, billi s-Sur Tabone kien għad ma għandux dritt għal leave sħiħ, gie miftiehem li gimgħa waħda mil-leave tkun on full pay u l-gimgħatejn l-oħra ikunu bla paga.

4. <u>Il-kaz ikompli.</u> Kif gustament issottometta is-Sur Busuttil, il-canteen ta' Xandir Malta mhux ħaga li tista titmexxa minn bniedem waħdu. Għalhekk is-Sur Busuttil ried li s-Sur Tabone qabel isiefer isiblu wieħed biex jgħinu fil-canteen minn flok is-Sur Tabone. Is-Sur Busuttil qal li dan huwa għamlu "patt u kundizzjoni". Izda dan gie miċħud mis-Sur Tabone, u ma giex pruvat. Hekk jew hekk, is-Sur Tabone fil-fatt sablu sostitut lis-Sur Busuttil, fil-persuna tas-Sur Joe Aquilina, li mar, deher quddiem is-Sur Busuttil, u ħadem il-gurnata tal-Gimgħa, 2 ta' Gunju, 1978. Il-jum tax-xogħol ta' wara, it-Tnejn, 5 ta' Gunju, 1978, dan Mr. Aquilina ma deherx izjed. Bis-Sur Tabone msiefer, is-Sur Busuttil ma setgħax imexxi waħdu. Għal gurnata waħda, Xandir Malta bagħtulu lis- Sinjorina Censina Micallef biex tgħinu. Hu ċempel lill-Labour Office, li l-għada bagħtulu lis-Sur George Grech bħala lavrant.

5. <u>Li zball tal-kaz.</u> Meta s-Sur Raymond Tabone rega' lura għax-xogħol kif spiċċa l-leave fis-26 ta' Gunju, 1978, is-Sur Busuttil qallu li hu kien impjega ieħor floku u għalhekk ma setgħax izomm lilu wkoll. Din kienet tkeċċija ngusta għaliex bazata fuq zball. Sostitut għal impjegat li kien assenti fuq leave regularment approvat ma kellu qatt jigi mpjegat tal-fiss, imma biss temporanjament sa kemm jigi lura l-ieħor. Ma kienx tort ta' l-impjegat assenti bil-leave (1) la li s-sostitut li

/.......

huwa pprovda ma marx ghax-xoghol, u (2) anqas li, kif qal s-Sur Busuttil, il-Labour Office ma sablux lavrant temporarju.

6. L-impieg huwa sagru. Dan it-Tribunal ghejja jghid li l-impieg huwa l-ghajxien ta' bniedem jew ta' familja, u ghalhekk huwa sagru. Tkeccija hija l-kastig estrem, u hadd ma jista jaghmilha hlief ghal raguni gusta, igifieri tort serju. Ahseb u ara kemm tista ssir meta ma jkun hemm tort xejn. Dan intqal hafna drabi f'decizjonijiet ta' dan it-Tribunal, imma milli jidher ftit huma dawk li jaghtu kaz.

7. AWARD. Ghal dawn ir-ragunijiet:

1. It-Tribunal isib li t-tkeccija tas-Sur Raymond Tabone mill-post ta' Assistent Kok mas-Sur Francis Busuttil kienet ingusta.

2. Ghalhekk is-Sur Raymond Tabone ghandu jerggha jiehu postu mas-Sur Busuttil (sa kemm dan ikun ghad ghandu l-appalt tal-canteen ta' Xandir Malta) minnufih, igif--ieri minn ghada, l-Erbgha, 28 ta' Frar, 1979.

3. Dwar paga, t-Tribunal ihoss li d-dewmien ta' tmien xhur mit-tkeccija sal-lum ma huwa tort ta' hadd, ghad li fil-fatt issa dan id-dewmien jahdem kontra l-interessi kemm tal-principal u kemm ta' l-impjegat. L-impjegat, igifieri l-appelant is-Sur Raymond Tabone, kien mill-ewwel fil-liberta' li jfittex xoghol iehor, irrispettiva-ment minn jekk id-Dipartiment tax-Xoghol accetta jew ma accettax li jirregistra lis-Sur Tabone ghal xoghol. In vista ta' dan, it-Tribunal ma jistax jilqa t-talba tas-Sur Tabone ghal paga shiha ghaz-zmien kollu tat-tkeccija. Bhala kumpens, it-Tribunal japprova biss, fuq bazi ta' nofs paga ghal xahar wiehed, somma 'rounded off' ta' £M39 (disgha u tletin lira maltija). Is-Sur Busuttil huwa ordnat li jaghti dan il-hlas lis-Sur Raymond Tabone mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu, 1979.

(C.J.Mallia)
Chairman

(S.Grech)
Segretarju.
fp

27 ta' Frar, 1979.